**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, il-15 ta' Dicembru 2022**

Kaz Nru: 228/2014

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Gabriel Micallef)

**kontra**

**WAYNE BORG**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 32088(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Wayne Borg** ta' hamsa u ghoxrin (25) sena iben John u Rita nee' Fsadni imwieled tal-Pieta nhar id-9 ta' Jannar 1988, residenti fil-fond Jewel Triq il-Girgenti, Buskett, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 32088M, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 gewwa Kordin f'Rahal Gdid u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-

disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkolu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew jqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

4. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) u s-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghanxhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta'

Malta) li permezz tal-istess Ordnijiet, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta li saret fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2021;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta data id-29 ta' Jannar 2020, permezz ta' liema ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga, kif ukoll in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga tas-7 t'Ottubru 2021 permezz ta' liema informa lil din il-Qorti li l-istess Bord jinsab sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u konsegwentament ghalaq il-kaz tieghu[3];

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. <u>Il-Fatti</u>

Il-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghad-9 ta' Settembru 2013 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu. Xi ufficjali tal-pulizija li kienu xoghol gewwa party li kien qed isehh gewwa Kordin, ir-Rahal il-Gdid, innotaw grupp ta' persuni mexjin lejn il-karozzi taghhom fil-parking area. Wiehed minn dawn il-persuni kien il-qua imputat, Wayne Borg. L-ufficjali tal-pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna taghhom. Minn fuq il-persuna ta' Borg, il-pulizija elevat tmien karti tal-Eur. 20, zewg karti tat-Eur. 10, mobile phone, u pocket iswed kontenenti numru ta' dokumenti. Sussegwentament saret tfittxija fil-vettura ta' Borg tal-marka Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni WYN 088 minn fejn gew elevati s-segwenti:

- Pakkett tas-sigaretti kontenenti zewg sachets bi trab abjad;
- Pakkett tas-sigaretti iehor kontenenti sachet iehor b'sustanza bajda;

[1] Fol. 5 u 6 tal-atti processwali
[2] Fol. 149 tal-atti processwali
[3] Fol. 152 tal-atti processwali

- Kantuniera ta' borza tal-plastic li kienet gewwa pakkett tas-sigaretti iehor Rothmans blue;
- 9 pilloli blue suspettati ecstasy;
- Pillola hamra forma ta' djamant suspettata ecstasy;

Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn mill-kamra tieghu gew elevati:

- Tlett sachets ohra bit-trab abjad;
- Crusher silver tal-metal bit-tracci;
- Pakkett tas-sigaretti Rothmans blue b'kantuniera ta' borza bi tracci go zibel fil-kamra tieghu.

Borg gie arrestat, mehud fil-kwartieri generali tal-Pulizija fejn hemmhekk kien interrogat mill-ispettur Gabriel Zammit. F'din l-istqarrija l-imputat jiehu r-responabilita' tas-sustanzi misjuba fil-pussess tieghu u jghid li kien xtrahom hu madanakollu jghid ukoll li mhux kollha kienu intizi ghalih ghax kien hemm xi ftit minnhom (partikolarment l-ecstasy) li ried jghaddiehom lill-habib tieghu.

Illi s-sustanzi elevati gew analizati minn espert mahtur mill-Qorti ghal dan l-iskop – ix-xjenzat Godwin Sammut – li min-naha tieghu kkonkluda:

> *"Illi fuq swabs mehua minn fuq il-crusher li hemm fid-dokument 020_16_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol li hija sustanza li tigi mill-pjanta Cannabis. Din is-sustanza hija ikkontrollata taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> *Illi fuq estratti mehuda mill-pillola ta' lewn roza u mill-pilloli ta' lewn blu li hemm fid-dokument 020_16_01 instabet is-sustanza 3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru totali ta' pilloli kienu 1 roza u 9 blu. Din is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima A, tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 020_16_01 instabet is-sustanza 4-methylmethcathinone (4-MMC, Mephedrone). Il-piz totali tat-trab kien ta' 1.58 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima A, tat-Tielet Skeda, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 020_16_01 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.59 grammi u l-purita' kienet ta' circa 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima A, tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta."*[4]

B. <u>Kwistjonijiet Preliminari – Stqarrija tal-imputat</u>

Illi fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2018, id-difiza talbet lil din il-Qorti tiskarta l-istqarrija irrilaxxata mill-imputat stante li din giet rilaxxata minnu fi zmien meta

---

[4] Fol. 64 et seq tal-atti processwali.

l-imputat ma kellux id-dritt ghal assistenza legali waqt l-istess stqarrija. F'dik l-udjenza kien hemm qbil bejn il-partijiet li f'dan ir-rigward il-Qorti ghandha tistenna l-ezitu tal-proceduri fl-ismijiet *Pulizija vs. Aldo Pistella, ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello u Christopher Bartolo vs. Avukat Generali*. Fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2019 l-abbli difensur ghamlet referenza ghall-proceduri hawn fuq imsemmija u ddikjarat li dawn kienu kollha gew mitmuma fejn gie deciz li l-istqarrijiet kollha li ttiehdu minghajr l-assistenza tal-avukat waqt l-istqarrija ma ghandhomx ikollhom validita'. Sussegwentament fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2021, id-difiza regghet talbet ghall-isfilz tal-istqarrija irrilaxxata mill-imputat. Fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2022 gie iccarat li t-talba tad-difiza ghall-isfilz tal-istqarrija kienet limitata ghall-istqarrija rrillaxata fid-9 ta' Settembru 2013. Permezz ta' digriet mghoti minn din il-Qorti fil-11 t'April 2022, din il-Qorti rriservat li tiddetermina din il-kwistjoni fis-sentenza finali. Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2022, waqt is-sottomissjonijiet finali, d-difiza talbet lil din il-Qorti tiskarta ukoll it-tieni stqarrija rrillaxata mill-qua imputat fil-5 t'Ottubru 2013 f'dawk il-partijiet biss fejn inkrimina lilu nnifsu u dana tenut kont li anke f'din l-istqarrija l-qua imputat ma kien inghata d-dritt li jkun legalment assistiet minn avukat ta' fiducja tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel stqarrija giet irrillaxata nhar id-9 ta' Settembru 2013 fl-erbgha ta' filghodu lill-ispettur Gabriel Micallef fil-prezenza ta' PC364 David Borg u dana wara li l-imputat inghata bizzejjed informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju. Borg ghazel li jiffirma l-istess stqarrija. Jidher ukoll mill-atti processwali li huwa gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija ghall-massimu ta' siegha. Borg jidher li rrifjuta dan id-dritt u in sostenn ta' dan iffirma dikjarazzjoni (GM[5]) fil-prezenza ta' WPC23 Geraldine Buttigieg.

Sussegwentament, fil-5 t'Ottubru tas-sena 2013, Borg irrillaxata t-tieni stqarrija, din id-darba fil-prezenza ta' PS389. Hu reggha gie mghoti informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju izda ghal darb'ohra mill-atti ma jirrizultax li gie mghoti id-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament quddiem Magistrat ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li l-imputat ma giex moghti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrijiet irrilaxxati minnu. Fil-fatt hu nghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat limitament ghall-perjodu ta' siegha qabel il-bidu tal-istqarrija. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex il-qua imputat ma giex mghoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija kienet li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi

[5] Fol. 13 tal-atti processwali.

ghal dan it-tip ta' dritt imma kienet tipprovdi li l-imputat jinghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat limitament ghall-perjodu ta' siegha qabel it-tehid tal-istqarrija. Min qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu rigward t'uhud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u li l-istess stqarrija hija l-unika prova tal-prosekuzzjoni fir-rigward ta' xi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[6]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tax-xhieda guramentata ai termini tal-artikolu 24A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti, taghmel referenza ghall-insenjament mghoti fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi.** F'dak il-każ, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fejn ghamlet diversi dikjarazzjonijiet inkriminanti, liema stqarrija hija wara kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa. Qabel l-interrogatorju tagħha, hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda ma ngħatatx id-dritt li tottjeni parir legali, u wisq inqas il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) ddikjarat is-segwenti:

> *"Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-*

[6] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

*rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet mingħaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.*

...

*Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali de quo. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza."* [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut** (16 ta' Frar 2022), saret referenza ghas-sentenza hawn fuq citata ta' Bueze vs. Belgium u ddikjarat:

*"12. Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, huwa indubitat illi l-istqarrija pre-trial magħmula mill-appellat, kif sussegwentement minnu ġġuramentata, hija prova determinanti f'dan il-proċess penali u dan għaliex din hija inkriminatorja. L-appellat fil-mument li kien arrestat jidher li kien ferm vulnerabbli, għalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti kien raġel matur ta' tmienja u għoxrin sena. Kien konfuż, u anzjuż. ...*

*13. Illi dan kollu seħħ, kif ingħad, u kif anke stqarret l-Ewwel Qorti fissentenza appellata, meta l-appellat ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, bit-twissija li tingħata tkun dik vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, u injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' jisarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellat għalkemm fl-Istruttorja kien debitament assistit kif ukoll fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-*

*opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tad-09 ta' Settembru 2009 kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellat ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu, hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellat wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għarretta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid ikun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju talproċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li lProsekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija rilaxxata millappellat lil pulizija, u ftit tal-ħin wara ġġuramentata quddiem l-Inkwirenti, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellat ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq f'mument meta huwa kien vulnerabbli, u ma kienx assistit, kif indikat iktar 'il fuq, u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan ilkaż, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu blebda mod ikunu sanati anke jekk l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija magħmula mill-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din ilQorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat malpregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellat f'każ li l-istess tkun ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat</u>** mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' April 2022, nghad:

*"28. Illi kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, huwa ċar li l-istqarrijiet li ta l-appellat lill-Pulizija se jkollhom u kellhom impatt fil-proċeduri kriminali u l-eżitu tagħhom. <u>Mela dak li jgħodd għall-imsemmija stqarrijiet u l-użu li seta' jsir minnhom f'dawk il-proċeduri, issa, bis-saħħa ta' dak li qiegħed ikun deċiż f'din is-sentenza, jgħodd ukoll għall-istqarrija maħlufa mill-appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti</u>. Ukoll jekk l-imsemmi mpatt ma jolqotx l-ammissjonijiet li huwa għamel u tenna fuq medda ta' żmien matul il-proċeduri msemmija sa ma nħareġ lAtt tal-Akkuża (bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392B(1) u (4) tal-Kodiċi Kriminali), <u>il-fatt li seta' jsir użu mill-istqarrija maħlufa kien jaf joħloq ħsara lill-appellat</u>. Kemm hu hekk, joħroġ ċar minn qari mqar ħafif tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April, 2017, li ħafna mill-kunsiderazzjonijiet magħmulin minn dik il-Qorti hija u tkejjel il-piena li kellha tagħti lill-appellat akkużat, kienu jsemmu l-imsemmija stqarrijiet u dak li jingħad fihom;*

*29. <u>Illi għalhekk din il-Qorti tqis li, ladarba b'din is-sentenza se tagħti rrimedju li lanqas ma jmissu jsir użu aktar tal-istqarrija maħlufa mirrikorrent appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti</u>, hekk ukoll għandha tagħti rimedju għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali safejn jirrigwardaw il-kunsiderazzjonijiet li saru fiha dwar dak li l-akkużat stqarr qabel ma irreġistra*

*għal aktar minn darba l-ammissjoni tiegħu għall-akkuzi mressqa." (emfazi ta' din il-Qorti)*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti qed tiskarta ukoll ix-xhieda guramentata tal-imputat fl-intier taghha.

C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet</u>

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat li kien fil-pussess tas-sustanza kokaina f'cirkostanzi li jindikaw li din is-sustanza ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. L-ammont totali tas-sustanza kokaina li nstabet fil-pussess ta' Borg kien dak ta' 0.59 grammi bil-purita ta' 18%. Dan l-ammont kien maqsum f'zewg sachets, kull wiehed kontenenti 0.55g u 0.04g. Illi wiehed minn dawn is-sachets instab fil-vettura ta' Borg filwaqt li l-iehor li nstab fil-kamra tas-sodda tal-istess Borg. Il-pussess tal-imputat ma huwiex jigi kkontestat mill-partijiet. Fil-fatt mill-provi mressqa jirrizulta car li dawn instabu fl-isfera ta' kontroll ta' Borg (fil-vettura u fil-kamra tas-sodda tieghu). Konsegwentament din il-Qorti trid tiddetermina jekk din is-sustanza jirrizultax li kienet intiza ghall-ispacc jew inkella esklussivament ghall-konsum tieghu.

Fis-sentenza <u>Il-Pulizija vs. Ernest Briffa</u> mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2011, nghad:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:* ***"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)***
>
> ***Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-***

> ***uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002])."***

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li l-imputat kellu biss zewgt sachets bis-sustanza kokaina fejn kien hemm disparita konsiderevoli bejn il-piz taz-zewg sachets. Jirrizulta ukoll li wiehed minn dawn is-sachets instab fil-kamra tas-sodda tal-istess imputat filwaqt li wiehed biss kien fil-vettura tieghu. L-ammont li nstab lanqas ma jirrizulta li huwa wiehed sostanzjali. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li s-sustanza kokaina ma kinitx intiza esklussiva ghalih u konsegwentament l-imputat ser jinsab hati ghar-reat kompriz fl-ewwel imputazzjoni u cioe' l-pussess semplici tas-sustanza kokaina.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, Borg jinsab akkuzat li kien fil-pussess ta' medicina psikotropika u ristretta – Mephedrone, f'cirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx intiza unikament ghall-konsum esklussiv ta' Borg. Il-pussess ta' din is-sustanza ma huwiex qed jigi kkontestat mill-qua imputat, fil-fatt mill-provi mressqa jirrizulta li dawn instabu fil-vettura tal-qua imputat. L-ammont totali ta' din is-sustanza kienet ta' 1.58 grammi. L-imsemmija sustanza kienet maqsuma f'erba' sachets bis-segwenti piz individwali: 0.32g; 0.47g; 0.29g; u 0.50g. Ghaldaqstant il-piz tal-pakketti kontenenti l-Mephedrone huwa wiehed simili. Irid jinghad ukoll li din is-sustanza instabet fil-vettura tal-imputat. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa inverosimili li persuna tikkkonsma dan l-ammont ta' mephedrone li ma kienx f'pakkett wiehed izda f'erba' pakketti ta' piz simili flimkien mas-sustanzi l-ohra li l-qua imputat kellu fil-pussess tieghu u cioe' l-kokaina u l-pilloli MDMA. Konsegwentament din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi din l-imputazzjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, Borg qed jigi akkuzat bi traffikar tal-pilloli ecstasy. Din l-imputazzjoni tistrieh biss fuq dak li stqarr l-qua imputat mal-pulizija fl-ewwel stqarrija li huwa rrillaxxa. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ntqal izjed qabel rigward l-istess stqarrija u galadarba dik l-istqarrija kienet l-unika prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni, Borg qed jigi illiberat minn din l-imputazzjoni. Ta' min jinnota li ghalkemm Borg instab fil-pussess ta' ghaxar pilloli MDMA il-prosekuzzjoni ghazlet li ma takkuzax lill-imputat bir-reat ta'

pussess aggravat ta' din is-sustanza u dana minkejja li dan jirrizulta car mill-provi mressqa. Din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-imputat jistgha jinsab hati ta' pussess aggravat tas-sustanza MDMA fl-assenza ta' imputazzjoni specifika f'dan ir-rigward galadarba ir-reat ta' pussess aggravat huwa meqjus reat separat, distint u differenti minn dak ta' traffikar u li l-elementi kostituttivi ta' dawn iz-zewgt reati huma kompletament differenti b'tali mod li wiehed ma jikkomprendiex l-iehor.

Permezz tar-raba' imputazzjoni Borg jinsab akkuzat b'pussess semplici ta' raza mehuda mill-pjanta Cannabis. Illi l-unika prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni hija li fil-kamra tas-sodda tal-qua imputat instab crusher li minn analizi fuq estratt mehuda minn fuqu nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Illi l-ammont ta' din is-sustanza misjuba kien wiehed tant negligibli li x-xjenzat Godwin Sammut ma kienx f'posizzjoni li jirraporta dwar il-piz tal-istess sustanza misjuba. Konsegwentament jirrizulta li din l-imputazzjoni giet milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna,* ***ma għandux jikkostitwixxi reat****, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
>
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
>
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*

*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> > *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*
>
> *Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*
>
> *Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*
>
> > *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it*

> *would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*
> ***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

D. Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati; l-fedina penali tal-imputat; l-eta' li kellu meta gie kommess ir-reat; u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Din il-Qorti ser tqis ukoll x-xhieda mressqa fuq talba tad-difiza mil-liema indubbjament jirrizulta l-progress sostanzjali li l-qua imputat ghamel sabiex jeghleb id-dipendenza fuq il-vizzju tad-droga. Ai fini ta' piena dina l-Qorti ha tiehu konjizzjoni ukoll tal-fatt li din il- Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. L-imsemmi Bord ikkonkluda l-kaz tal-qua imputat b'mod pozittiv ghall-ahhar.

Illi in sodisfazzjon ta' dak li jistipula l-artikolu 8(6) tal-Kap. 537, ir-registratur tal-Qrati u t-Tribunali Kriminali kkonfermat li Borg ma ghandux proceduri kriminali ohra pendenti ghajr dak odjern. Konsegwemtament ma tirrizultax il-htiega li din il-Qorti ssejjah ghandha kazijiet ohra rigwardanti l-imputat odjern.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*

*Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

Illi qari *ad literam* ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti[7].

Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:

*"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan.".* [8]

Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:

*"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. ... Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors.*

*Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs. Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors."*[9]

Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:

*"...il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ*

[7] Ara f'dan is-sens il-verbal maghmul fl-udjenza ____.
[8] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014
[9] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

*mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt.*

*Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."*[10]

Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jistgha jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga.

Stabbilit dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn:

(a) ir-reati li taghhom ser jinsab hati huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza li l-qua imputat kellu dak iz-zmien tar-reat odjern; u

(b) l-imputat irnexxielu jeghleb id-dipendenza fuq sustanzi lleciti huwa riforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga,

Din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

[10] Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni u wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif ukoll l-artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r- Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, **Wayne Borg, mhux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issibu hati li kien fil-pussess (semplici) tas-sustanza kokaina u tat-tieni imputazzjoni hekk kif migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament, l-Qorti qed tikkundana lill-istess Borg ghall-perjodu ta' sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Wayne Borg sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 763.98 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur